MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 273/2007/1

**Lourdes Sciberras**

**vs**

**Kalcedonia Vassallo, Jimmy Vassallo**
**u Nicolette Vassallo**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Ottubru 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza *in parte* fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Marzu, 2007 fejn l-attrici talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna u jordna lill-konvenuti in solidum,

ihallsu lill-attrici is-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm575) rapprezentanti :

- kwantu ghal hames mitt Lira (Lm500) bhala s-sehem lilha dovut ta' kwart mill-qbiela kollu imhallas sa issa lill-konvenuti bhala kompropjetarji flimkien maghha tal-ghalqa maghrufa 'Tal-Harrub'. 'Ta` Ghar Hanzir u anke 'Ta' Wied Xkora' limiti tas-Siggiewi, kontrada tal-Handaq, detenuta b'kiri minn terzi ghall-uzu ta' kacca ;

- kwantu ghal hamsa u sebghin Lira (Lm75) bhala s-sehem minnhom dovut mill-ispejjez inkorsi mill-attrici ghall-quddies u l-funeral tal-mejjet Giuseppe Vassallo, li tieghu il-partijiet huma llkoll ko-werrieta.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali, kontra il-konvenuti in solidum minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-kovenuti tal-11 ta' April 2007, fejn gie eccepit illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kull azzjoni ttentata mill-attrici ghal gbir ghal hlas ta' kera u/sew ghall-ispejjez inkorsi minnha ghal quddies u funeral tal-mejjet Giuseppe Vassallo huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2156C u 2156F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bla pregudizzju ghal premess, il-qbiela ricevuta fuq l-ghalqa imsemmija ma kienitx aktar minn Lm6.00 fis-sena, biex b'hekk jekk l-attrici ghandha sehem mill-ghalqa in kwistjoni, il-qbiela li ghandha tircievi hija ta' Lm1.20 fis-sena ghal dawn l-ahhar hames snin u xejn aktar.

Illi s-somom pretizi mill-attrici huma irrizorsi u xejn m'hu dovut lilha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti in konnessjoni biss ma' l-ewwel eccezzjoni – dik ta' preskrizzjoni.

Sema` d-difensuri tal-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidra :

Illi l-konvenuti qeghdin jecipixxu l-preskrizzjoni a bazi ta' l-Artikolu 2156(c) tal-Kap 16 li jghid illi l-azzjonijiet ghal hlas ta' kera ta' bini jew ta' raba` jaqghu bi preskrizzjoni ta' eghluq ta' hames snin, u dik a bazi ta' l-Artikolu 2156(f) ta' l-istess Kap 16 illi jghid illi l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa`, skond il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku, jaqghu wkoll bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin.

Illi t-talba attrici hija ghas-sehem taghha "*mill-qbiela*" u "*spejjes inkorsi minnha ghall-quddies u funeral*".

Illi meta xehdet bil-gurament taghha fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2007, l-attrici qalet illi kienet qeghda tavvanza t-tieni talba taghha in segwitu ghal decizjoni tal-Qorti tas-sena 1996 u ma kinitx taf jekk sarux ittri ufficcjali da parti taghha fuq din il-pretensjoni. Tghid wkoll illi l-konvenuti dejjem cahdu li kellhom ihallsu ghall-funeral.

Illi Dokumenti 'B', 'C', u 'D' pprezentati b'nota mill-attrici fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2007 huma :

– Ittra ufficcjali ta' l-attrici datata 15 ta' Marzu 1996 fejn qed titlob sehema mill-ghalqa u mill-qbejjel, b'riferta posittiva annessa datata 25/3/96.

– Ittra ufficcjali ohra datata 18 ta' April 1996 b'informazzjoni ulterjuri dwar dik precedenti
– Ittra ufficcjali ohra datata 18 ta' Marzu 1997 b'sejha sabiex jiddivjenu ghal qasma tal-wirt, b'riferti posittivi ta' Marzu 1997.

Fix-xhieda ta' l-attrici ta' l-14 ta' Gunju 2007, fejn **issa** tghid illi huha kien ghal tlett darbiet qallha illi kien ser itiha l-flus tal-qbiela minnu migbura. Tghid illi l-ahhar darba li talbitomlu kien xi erba` snin u nofs ilu – u kien qallha " rrid naghtihomlok".

In kontro-ezami tghid illi ilha l-Qorti ma' huha u li werrieta tieghu ghal 20 sena – imma xorta kienet titlobomlu. Tghid illi hemm jew kien hemm ma' l-20 kawza.

Xehdu fl-istess seduta wlied l-attrici, Maria u Nicholas illi t-tnejn qalu illi xi erba` snin ilu kienu ma' ommhom l-Qorti u semghu lil zijuhom jghidilha li kien ser ihallasha l-qbiela.

Illi l-konvenuta Kalcedonia Vassallo xehdet illi l-attrici ilha l-Qorti ma` zewgha (illum mejjet) u issa maghhom ghal dawn l-ahhar 22 sena u qatt ma' taf illi tkellmu bejniethom. Tghid illi zewgha kien ilu sejjer lura ghal 10 snin bil-marda tal-parkinsons u dimentia. Tghid wkoll illi miet l-fuq minn sena ilu u li kien ilu ghal madwar tlett snin b'nappy ma jimxix. Tghid illi diskors kellu mill-anqas.

Il-konvenuta tghid wkoll illi qatt ma halliet lil zewgha wahdu l-Qorti u dejjem attendiet mieghu. Qatt ma` tkellmu ma' l-attrici, wisq anqas semghetu jghidilha li ser ihallasha.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-attrici biddlet il-versjoni taghha mill-ewwel darba ghat-tieni darba li xehdet. Di piu` huwa evidenti illi l-istess attrici uzat lill-uliedha fit-tieni

okkazzjoni sabiex tittanta tikkonvinci lit-Tribunal bit-tieni verzjoni taghha.

It-Tribunal isib it-tieni versjoni/xhieda ta’ l-attrici u dik ta’ wliedha bhala inattendibbli u sejjer jiskartha, filwaqt illi jistrieh fuq l-ewwel versjoni taghha, korroborata bix-xhieda tal-konvenuta Kalcedonia Vassallo.

Dan it-Tribunal irid jara jekk b’xi mod – jew b’att giudizzjarju jew b’ammissjoni da parti tal-konvenuti jew b’mod iehor kif trid il-Ligi, giex interott il-perjodu preskrittiv eccepit ta’ hames snin.

L-ittri ufficjali esebiti (anke jekk mhux kopja legali) imorru lura ghas-snin 1996/1997, filwaqt illi din il-kawza giet intavolata fl-2007 – trapass ta’ 10 snin li fihom ma’ jirrizultax mill-provi prodotti illi sar xi att li bih l-perjodu preskrittiv gie interrott.

Dan qed jinghad wkoll b’zieda ma’ dak illi ntqal hawn aktar il-fuq, illi l-versjoni ta’ l-attrici illi erba` snin ilu, zewg il-konvenuta, Ganni Vassallo, ammetta li kellu jhallasha – mhux qed titwemmen konsiderat l-assjem tal-provi u x-xhiedha prodotti. Almenu jinghad illi t-tieni versjoni ta’ l-attrici ma gietx pruvata fil-grad li trid il-ligi.

Tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet allura, dan it-Tribunal sejjer jghaddi sabiex jilqa` l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u jiddikjara t-talba attrici riferibbli ghall-ispejjes ta’ quddies u funeral preskritta fil-ligi, filwaqt illi jiddifferixxi l-kawza ghad-9 ta’ Novembru 2007 ghall-provi ta’ l-attrici fil-mertu u relattivi ghall-ewwel parti tat-talba taghha, riferibbli ghall-

qbiela/kera, limitatament pero` ghall-ahhar hames snin qabel il-ftuh ta' dawn l-odjerni proceduri.

Bl-ispejjes jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.**"**

Fil-15 ta' Settembru, 2008, l-istess Tribunal iddecieda finalment din il-kawza in forza tas-sentenza hawn taht riprodotta:-

**"**It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Marzu, 2007 fejn l-attrici talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna u jordna lill-konvenuti in solidum, ihallsu lill-attrici is-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm575) rapprezentanti :

- kwantu ghal hames mitt Lira (Lm500) bhala s-sehem lilha dovut ta' kwart mill-qbiela kollu imhallas sa issa lill-konvenuti bhala kompropjetarji flimkien maghha tal-ghalqa maghrufa 'Tal-Harrub'. 'Ta` Ghar Hanzir u anke 'Ta' Wied Xkora' limiti tas-Siggiewi, kontrada tal-Handaq, detenuta b'kiri minn terzi ghall-uzu ta' kacca ;

- kwantu ghal hamsa u sebghin Lira (Lm75) bhala s-sehem minnhom dovut mill-ispejjez inkorsi mill-attrici ghall-quddies u l-funeral tal-mejjet Giuseppe Vassallo, li tieghu il-partijiet huma llkoll ko-werrieta.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali, kontra il-konvenuti in solidum minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-kovenuti tal-11 ta' April 2007, fejn gie eccepit illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kull azzjoni ttentata mill-attrici ghal gbir ghal hlas ta' kera u/sew ghall-ispejjez inkorsi minnha ghal quddies u funeral tal-mejjet Giuseppe Vassallo huma preskritti a tenur

ta’ l-Artikolu 2156C u 2156F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi bla pregudizzju ghal premess, il-qbiela ricevuta fuq l-ghalqa imsemmija ma kienitx aktar minn Lm6.00 fis-sena, biex b’hekk jekk l-attrici ghandha sehem mill-ghalqa in kwistjoni, il-qbiela li ghandha tircievi hija ta’ Lm1.20 fis-sena ghal dawn l-ahhar hames snin u xejn aktar.

Illi s-somom pretizi mill-attrici huma irrizorji u xejn m’hu dovut lilha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti in konnessjoni biss ma’ l-ewwel eccezzjoni – dik ta’ preskrizzjoni.

Ra d-decizjoni in parte ta’ dan it-Tribunal moghtija fit-2 ta’ ottubru 2007 u li permezz taghha giet deciza l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti rigwardanti l-preskrizzjoni.

Sema` d-difensuri tal-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi wara d-decizjoni in parte kif hawn fuq msemmi, it-Tribunal sejjer issa jiddeciedi biss u limitatament dwar il-mertu u ossia dwar il-hlas dovut o meno tal-kera/qbiela ta’ l-ahhar hames snin qabel il-ftuh tal-proceduri odjerni.

Illi l-**attrici Lourdes Sciberras** xehdet (9.11.2007) u qalet illi hija ghandha kwart indiviz tal-proprjeta` mqabbla ghand terzi. Filwaqt illi tirriafferma illi hija qatt ma rceviet flus tal-qbiela fuq din l-ghalqa, tghid illi kellha informazzjoni illi l-qbiela kienet ta’

Lm6 fis-sena, anke jekk hi tikkontendi illi l-qbiela hija ta' valur aktar u akbar minn dan.

Xehdet il-konvenuta **Kalcedonia Vassallo** (11.01.2008) li qalet illi l-attrici ghandha kwint indiviz u mhux kwart indiviz, u dan peress illi zewgha kienu hamsa b'kollox – appuntu zewgha, l-attrici, Konsolata, Nikol u Suor Stefania. Esebiet kopja tal-ircevuti kollha tal-qbiela mhallsa u li kien jigbor zewgha sakemm dan gie nieqes. Tikkonferma illi zewgha kien jigbor Lm6 fi qbiela fis-sena minghand certu Raymond Borg u l-flus kienu jintuzaw ghall-quddies tal-genituri tal-kontendenti. Tistqarr pero` illi jekk l-attrici tinsisti, hija kienet lesta li ttiha sehma ta' l-ahhar hames snin.

Tghid illi ghalkemm ma kien hemm ebda testament ighid illi l-qbiela tmur ghall-quddies tal-genituri taghhom, pero` l-attrici kienet taf illi jsir dan u qatt ma oggezzjonat.

Xehed ukoll il-konvenut **Jimmy Vassallo** (11.01.2008) li kkonferma dak li xehdet ommu u zied illi anke wara l-mewt ta' missieru, kienu baqghu jigbru Lm6 fi qbiela. Jghid illi l-ircevuti esebiti jkopru sal-1995 peress illi l-ktieb ta' l-ircevuti kien jinsab ghand l-inkwilin.

Ra DOK MB1 li huma kopja ta' l-ircevuti mis-sena 2000 sal-llum u sema` x-xhieda ta' **Mario Borg** (8.05.2008) li ighid illi l-ghalqa de quo hija mqabbla ghandu versu Lm6 fis-sena. Jghid illi qabblu kien jokkupha huh Raymond Borg izda issa ilha f'idejh ghal madwar ghoxrin sena. Jghid illi l-qbiela kienet u baqghet dik ta' Lm6 u qatt ma kien mitlub zieda. Kien u ghadu jhallas lill-konvenuti.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-attrici poggiet dubbju dwar kemm hu veru illi l-hlas huwa ta' Lm6 – hija tghid illi "*jiena nikkontendi illi dawn jircievu aktar peress illi llum ma ghadekx issib qbiela hekk baxxa*" – pero` naqqset milli tipprova illi fil-fatt il-qbiela mhallsa hija aktar minn hekk. Anzi, il-provi kollha prodotti, kemm xhieda u kif ukoll dokumentali, kollha jindikaw illi l-qbiela li tithallas fuq din l-art hija ta' Lm6 fis-sena.

Illi ghalkemm l-attrici xehdet illi kellha informazzjoni illi l-qbiela kienet ta' Lm6, xorta wahda intavolat l-Avviz bi pretensjoni ghal Lm500 bhala s-sehem taghha tal-qbiela – u dan it-Tribunal iqis abbuziv in kwantu illi l-attrici kienet taf illi bir-rata ta' Lm6, s-sehem taghha ma seta` qatt jammonta ghal Lm500. Din il-konsiderazzjoni qed issir ukoll ghall-finijiet tad-*decide* riferibbli ghall-ispejjes kif jinghad aktar l-isfel.

Illi l-attrici lanqas ma kkontestat dak li xehdet il-konvenuta Kalcedonia Vassallo illi l-istess attrici ghandha kwint indiviz u mhux kwart indiviz. Filwaqt illi l-attrici insistiet fl-Avviz u fix-xhieda taghha ghal sehem ta' kwart indiviz, b'dana kollu il-konvenuta Kalcedonia Vassallo kienet aktar cara u di fatti semmiet ukoll lill-ahwa kollha, hamsa b'kollox u mhux kontradetta – li jaghmel is-sehem ta' kwint indiviz aktar verosimili u kredibbli.

Illi l-attrici b'ebda mod ma rribattiet illi kien hemm ftehim illi s-Lm6 qbiela tintuza ghall-quddies tal-genituri ta' l-istess attrici u hutha. B'dana kollu, anke in vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenuta Kalcedonia Vassallo – "*illi jekk trid tiehu ta' l-ahhar hames snin u tinsisti ghal sehma, jiena lesta intihomla*" – it-Tribunal ihoss illi jkun ekwu u giust illi dan isir.

Illi l-qbiela migbura f'hames snin tammonta ghal disa` u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88) gja tletin Liri Maltin (Lm30) u kwint indiviz

ta’ dan l-ammont jkammonta ghal tlettax il-Euro u seba` u disghin centezmu (€13.97) ekwivalenti appuntu ghal sitt Liri Maltin (LM6).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq indikat, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, sema` l-provi kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici limitatament fl-ammont ta’ tlettax il-Euro u seba` u disghin centezmu (€13.97).

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-fatt illi l-attrici setghet evitat ghal kollox din il-kwistjoni, oltre` l-fatt illi l-attrici nefhet l-ammont minnha pretiz fl-Avviz bla ebda raguni u gustifikazzjoni, haga li twassal biss ghall-awment fid-drittijiet dovuti, it-Tribunal jikkundanna lill-istess attrici thallas l-ispejjes kollha ta’ din l-istanza.**”**

L-appell ta’ l-attrici huwa dirett sew kontra d-decizjoni parzjali tat-2 ta’ Ottubru, 2007 kif ukoll fil-kontestazzjoni tad-decizjoni finali tal-15 ta’ Settembru, 2008. L-aggravji taghha huma, koncizament, kif gej:-

(1) Il-preskrizzjonijiet eccepiti – Artikolu 2156 (c) u 2156 (f) – ma humiex tenibbli ghaliex id-dritt sottostanti t-talba taghha ma huwiex sempliciment ghall-hlas ta’ xi snin ta’ qbiela izda ghall-hlas ta’ sehemha mill-introjti ta’ l-amministrazzjoni tar-raba’ da parti tal-konvenuta u, qabilha, tal-premort zewgha Ganni Vassallo;

(2) Is-sehem taghha mill-qbiela ma huwiex kwinta parti (1/5) kif ritenut mit-Tribunal izda kwarta parti (1/4). Dan, l-appellanti ssostnieh bis-sottomissjoni illi fil-mument tal-mewt ta’ missierha (17 ta’ Gunju, 1987) ohtha Suor Stefania kienet membru ta’ Ordni Religjuz u skond il-ligi vigenti kif kienet dakinhar tal-mewt, l-imsemmija ohtha ma setghetx tiret;

(3) It-Tribunal ma kellux jakkollala l-ispejjez kollha tal-kawza. F’dan il-kuntest l-appellanti tavvanza l-assunt illi hi ma kienetx taf minn qabel il-prezentata tal-kawza x’kien l-ammont tal-qbiela li kien qed jithallas u, dippju, dak li ddeponiet dwaru l-konvenuta Kalcedonia Vassallo kien kontradett minn provi ohra attendibbli, senjatament l-ittri ufficcjali li ntbaghtu fl-1996;

Minn kif koncepita l-azzjoni ta’ l-attrici din hi dikjaratament wahda kontenenti talba ghall-hlas ta’ somma ta’ flus suddiviza fl-import ta’ sehemha minn qbiela ta’ ghalqa specifikament indikata u minn spejjez funerarji konnessi mal-mewt ta’ missierha, dwar liema hi giet ikkundannata thallas lit-terz b’sentenza finali tal-Qorti ta’ l-Appell tat-12 ta’ Frar, 1996 (ara kopja taghha in atti a fol. 16). Kontra dawn iz-zewg importi l-konvenuti opponew il-preskrizzjonijiet a tenur ta’ l-Artikoli 2156 (c) u 2156 (f). Bis-sentenza parzjali tieghu tat-2 ta’ Ottubru, 2007 it-Tribunal laqa’ l-preskrizzjoni eccepita riferibilment ghall-ispejjez tal-funeral u kwantu ghall-pretensjoni ta’ l-attrici ghall-hlas tal-qbiela ddefferixxa l-kawza ghall-provi, limitatament, pero`, ghall-ahhar hames snin qabel l-introduzzjoni tal-proceduri. Jigi mill-ewwel notat illi l-attrici ma appellatx ukoll minn dik il-parti ta’ l-imsemmija sentenza li akkoljiet il-preskrizzjoni fir-rigward ta’ l-ispejjez tal-funeral;

Maghmula din l-introduzzjoni qasira, il-Qorti jidhrilha li qabel kull konsiderazzjoni ta’ l-ewwel aggravju ghandha tiddisponi mis-sottomissjoni ta’ l-appellati in mertu ghal dik il-parti tar-risposta ta’ l-appell taghhom fir-rigward ta’ l-applikazzjoni tal-gurament decizorju. Kwestjoni din li l-Qorti kif presjeduta gja kellha okkazjoni tapprofondixxi fid-decizjoni taghha “**Zammit & Cachia Trading Co. Ltd -vs- Francis Mizzi**”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 7 ta’ Dicembru, 2005;

Frankament, il-Qorti ma tarax ghalfejn kellu f’dan il-kaz jitqanqal dan il-punt mill-appellati. L-atti juru li l-attrici ma

ghazletx li tikkumbatti l-preskrizzjoni eccepita bil-gurament tal-konvenuta biex jista' jinghad, kif hekk sottomess mill-appellati, illi l-attrici ma setghetx tadopera mezzi ohra kontra dik il-preskrizzjoni. Fiz-zewg okkazjonijiet li xehdet il-konvenuta Kalcedonia Vassallo – 14 ta' Gunju, 2007 u 11 ta' Jannar, 2008 – jirrizulta kjarament illi din iddeponiet minn jeddha u mhux ghax gie lilha deferit il-gurament ghall-iskop li l-pretensjoni kreditorja ta' l-appellanti tkun rimessa ghall-kuxjenza ta' l-appellata;

Skjarita din il-qaghda, huwa konkordament profess illi l-preskrizzjoni, meta titqanqal, u apparti l-gurament decizorju, tista' tigi mwaqqa jew minhabba xi sospensjoni jew interruzzjoni taghha jew, ukoll, billi jigi muri illi ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eccepita mhix ammissibbli. Ara "**Hilda Bartolo *et* -vs- Giuseppina Zammit *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 13 ta' Jannar, 1953. Fil-kaz prezenti l-appellanti tikkontendi illi l-preskrizzjoni opposta mill-appellata – Artikolu 2156 (c) – mhix ammissibbli ghal motiv illi t-talba taghha kienet wahda diretta ghal konsegwiment ta' sehemha mill-introjtu ta' l-amministrazzjoni attivata mill-konvenuta u minn zewgha qabilha. Dejjem skond l-appellanti f'kaz bhal dan kienet, se mai, applikabbli d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 2157 tal-Kodici Civili;

Rispettosament, din il-Qorti ma taqbelx ma' din id-deduzzjoni. L-ghazla tal-preskrizzjoni ghandha konnessjoni mat-talba konkreta kif artikolata. Fil-kaz taht konsiderazzjoni, kif jidher evidenti mill-korp ta' l-Avviz, l-appellanti ma ressqet ebda talba ghar-rendiment ta' xi kont ta' l-amministrazzjoni imma ghazlet l-azzjoni diretta tal-hlas tal-kreditu ta' sehemha mill-qbiela. Din l-azzjoni minnha prexxelta hi, ghall-fini tal-preskrizzjoni, regolata minn dak ta' l-Artikolu 2156 eccepit u mhux ukoll minn dak ta' l-Artikolu 2157 ta' l-istess Kodici ssuggerit mill-appellanti. Jikkonsegwi, illi l-azzjoni hekk promossa in forza tal-pretiz titolu kreditorju testingwi ruhha fiz-zmien tal-hames snin ikkontemplat fil-predett Artikolu 2156 (c).

L-ewwel aggravju qed jigi ghaldaqstant dikjarat insostenibbli;

L-appellanti ssollevat, imbaghad, kwestjoni ohra. Dik, jigifieri, dedotta bit-tieni aggravju illi s-sehem taghha kien dak ta' kwarta, u mhux ta' kwinta, parti. Dan l-assunt taghha jirpoza fuq is-sottomissjoni illi ohtha Suor Stefania ma setghetx tiret lill-genituri taghhom. Issa apparti l-fatt illi, apparentement, din is-sottomissjoni ma jidherx li giet mill-appellanti ventilata quddiem it-Tribunal, biex dak issa ritenut minnha f'din is-sede jista' jircievi favur trid tirrizulta mill-atti l-prova illi l-imsemmija Suor Stefania kienet emettiet il-voti solenni. Dan ghaliex, kif ritenut, hi mill-gurnata ta' l-emissjoni tal-voti solenni illi r-religjuza tigi meqjusa "*perinde ac cadaver*" ghall-iskopijiet civili. Hi proprju minn din il-qaghda li tinzel il-konsegwenza li r-religjuza ma tistax tipposjedi beni temporali jew tadixxi ereditajiet ghax wara l-emissjoni ta' dawk il-voti xejn ma jista' jigi trasmess lilha personalment jew possedut minnha. Ara "**Giuseppe Darmanin *nomine et* -vs- Virginia Cordina *et***", Appell Civili, 3 ta' Dicembru, 1939. Din il-posizzjoni tal-profess fil-konfront tal-korporazzjoni religjuza li ghaliha tappartjieni hi ta' l-akbar importanza ghaliex, kif osservat, "l-idea assoluta ta' dik li jsejhulha *morte civile* ghandha tigi temprata" ("**Annunziata Bianco *et* -vs- Marietta Grixti**", Prim' Awla, Qorti Civili, 13 ta' Gunju, 1935. Kif gja nghad, fil-kaz prezenti il-prova li Suor Stefania emettiet il-voti solenni ma saretx u, allura, mhux lanqas il-kaz li din il-Qorti taccetta l-proposizzjoni ta' l-appellanti illi s-sehem taghha tal-qbiela kien akbar minn dak definit bis-sentenza appellata. Anke dan l-aggravju qed jitqies infondat;

Gie obbjettat mill-appellanti bit-tielet aggravju illi hi ma kellhiex tigi addossata bl-ispejjez intieri tal-kawza. Ma' din l-obbjezzjoni din il-Qorti assolutament ma taqbelx. L-appellanti minn rajha kkwantifikat l-ammont ta' sehemha mill-qbiela aspettat minnha, liema pretensjoni rrizultat ghal kollox infondata. L-attrici ma tistax tallega illi hi kienet taht xi impressjoni zbaljata dwar il-kwantum tal-qbiela

attwalment imhallsa jew li kien hemm nuqqas ta’ kollaborazzjoni da parti ta’ l-appellati fuq daqshekk. Ir-riflessjoni li gibed it-Tribunal mid-differenzazzjoni bejn il-mitlub u l-ammont finalment stabbilit, akkoppjat mar-riflessjoni l-ohra tal-kondotta processwali ta’ l-appellanti, li biddlet *in extremis* u permezz ta’ nota ta’ korrezzjoni (fol. 82) ix-xhieda precedenti taghha, moghtija sena qbael, ma huwiex konducibbli ghal temperament fil-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tichad l-appell fil-kapi ta’ l-aggravji kollha tieghu u tikkonferma s-sentenza, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------